Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2021/0136(COD)

18.5.2022

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea
(COM(2021)0281 – C9-0200/2021 – 2021/0136(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cristian Terhes

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

B'dan l-abbozz ta' opinjoni, jitqajmu diversi preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-aspetti tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza, li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE). Xi wħud minn dawn il-preokkupazzjonijiet kienu diġà kondiviżi mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, kif ukoll mill-partijiet ikkonċernati kkonsultati matul it-tħejjija tal-abbozz ta' opinjoni. Ir-rapporteur għal opinjoni jixtieq jenfasizzahom, abbażi tal-kontributi bil-miktub li waslu mingħand esperti differenti f'dan il-qasam.

Il-proposta attwali hija ta' natura teknika ħafna u tolqot aspetti kritiċi tad-drittijiet fundamentali, bħall-protezzjoni tad-data u l-privatezza. Jekk il-Parlament jonqos milli joħroġ b'qafas koerenti u biċċa leġiżlazzjoni teknikament ippruvata, iċ-ċittadini jitilfu kwalunkwe kontroll fuq id-data privata tagħhom, li ssir komodità. Sfortunatament, l-għażliet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-proposta mistennija jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti sussegwenti mhux leġiżlattivi. Dan huwa approċċ perikoluż, peress li għażla teknika waħda tista' tkun aktar intrużiva minn oħra, a skapitu tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

Jistgħu jitqajmu preokkupazzjonijiet aktar speċifiċi rigward ir-relazzjoni mċajpra bejn l-eIDAS u l-GDPR; ir-rispett tal-elementi ewlenin tal-protezzjoni tad-data, bħall-minimizzazzjoni tad-data u l-iżvelar selettiv; il-privatezza mid-disinn u l-użu ta' identifikaturi uniċi; in-nuqqas ta' ftuħ u trasparenza fl-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sigurtà tal-Kartiera tal-eIDAS u tal-involviment tas-soċjetà ċivili jew tal-akkademiċi; id-dipendenza fuq il-kumpaniji l-kbar tat-teknoloġija; id-dgħajfien tas-sigurtà tal-brawżers.

Permezz tal-emendi proposti, ir-rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat LIBE għandu l-għan li jikkoreġi l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, li jaqgħu fil-kompetenza tal-Kumitat LIBE. Sabiex tiġi protetta l-privatezza tal-individwi u ma jiġix ipprevenut l-istandard tal-privatezza għall-utenti tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, ir-rapporteur għal opinjoni jqis il-fatt li l-użu tal-psewdonimi għandu jkun għażla fil-każijiet kollha fejn l-identifikazzjoni sħiħa ma tkunx legalment obbligatorja. Barra minn hekk, jerġgħu jiddaħħlu r-referenzi għar-relazzjoni bejn l-eIDAS u l-Leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data lura għal-livell ta' protezzjonijiet eżistenti tal-2014.

Il-ħtieġa tal-possibbiltà ta' skollegament u tan-nuqqas ta' traċċabbiltà ġiet rikonoxxuta b'mod wiesa' mill-esperti fil-qasam. It-tranżazzjonijiet tal-utenti jiżvelaw ammonti kbar ta' data, inkluża data ta' natura personali ħafna, bħal informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-individwi jew informazzjoni dwar is-sitwazzjoni medika, l-istorja tal-ivvjaġġar, ix-xejriet tal-konsum u l-interazzjonijiet soċjali taċ-ċittadini. Għalhekk, l-arkitettura li qed tiġi kkunsidrata għandha tipproteġi minn sorveljanza ċentralizzata lil din id-data dwar firxa wiesgħa ta' mġiba online u offline tal-utenti.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, identifikatur uniku persistenti għall-persuni fiżiċi f'xi Stati Membri huwa illegali jew saħansitra mhux kostituzzjonali (eż. fil-Ġermanja, l-użu ta' identifikaturi uniċi persistenti huwa pprojbit skont id-Deċiżjoni dwar l-Att dwar iċ-Ċensiment tal-1983). Ir-riskju ta' identifikatur uniku tul il-ħajja kollha ma jistax jitqies bħala l-inqas metodu intrużiv għall-fini tal-identifikazzjoni unika ta' individwu. L-Artikolu 11a wkoll mhuwiex meħtieġ, peress li l-qafas eżistenti tal-interoperabbiltà tal-iskemi ta' identifikazzjoni

skont l-Artikolu 12(4)(d) oriġinali diġà jinvolvi rappreżentanza unika ta' individwu għall-każijiet transfruntiera u għalhekk ġie propost għat-tħassir.

Madankollu, il-proposta fiha ħafna lakuni li jaqgħu barra mill-mandat tal-Kumitat LIBE, u huwa għalhekk li, sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-Ewropej, il-proposta kollha kemm hi għandha tintbagħat lura lill-Kummissjoni biex tiġi mfassla għalkollox mill-ġdid. Il-mod kif din il-proposta hija prevista, se twassal għaċ-Ċinafikazzjoni tal-Ewropa, peress li tippermetti l-ħolqien ta' sistema ta' kreditu soċjali simili li tiddetermina s-sorveljanza tal-massa u l-kontroll tal-Ewropej kollha, sitwazzjoni li m'għandhiex tiġi aċċettata. L-UE kienet prevista bħala "żona ta' libertà" u għandhom jibqgħu jsiru l-isforzi biex tinżamm bħala tali.

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679[19] japplika għall-ipproċessar ta' data personali fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi biex jiġi evitat li l-fornituri ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u dawk ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi jikkombinaw data personali minn servizzi oħra mad-data personali relatata mas-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(6) ***Is-suġġett tal-Identità Diġitali huwa l-persuna fiżika jew ġuridika li lilha tappartjeni d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna.*** Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679[19] japplika għall-ipproċessar ta' data personali fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi biex jiġi evitat li l-fornituri ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u dawk ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi jikkombinaw data personali minn servizzi oħra mad-data personali relatata mas-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
[19] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta'	[19] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta'

data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1	data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jiżguraw l-ogħla livell ta' sigurtà għad-data personali użata għall-awtentikazzjoni irrispettivament minn jekk din id-data tinħażinx lokalment jew fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq il-cloud, filwaqt li jqisu l-livelli differenti ta' riskju. L-użu tal-bijometrika għall-awtentikazzjoni huwa wieħed mill-metodi ta' identifikazzjoni li jipprovdu livell għoli ta' fiduċja, b'mod partikolari meta jintużaw flimkien ma' elementi oħra ta' awtentikazzjoni. Peress li l-bijometrika tirrappreżenta karatteristika unika ta' persuna, l-użu tal-bijometrika jirrikjedi miżuri organizzattivi u ta' sigurtà, proporzjonati għar-riskju li dan l-ipproċessar jista' jinvolvi għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi u f'konformità mar-Regolament 2016/679.	(11) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jiżguraw l-ogħla livell ta' sigurtà għad-data personali użata għall-awtentikazzjoni irrispettivament minn jekk din id-data tinħażinx lokalment jew fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq il-cloud, filwaqt li jqisu l-livelli differenti ta' riskju. L-użu tal-bijometrika għall-awtentikazzjoni jenħtieġ li ma jkunx prekundizzjoni għall-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, minkejja r-rekwiżit ta' awtentikazzjoni b'saħħitha tal-utent. Jenħtieġ li d-data bijometrika għall-fini tal-identifikazzjoni unika ta' persuna fiżika fil-kuntest ta' dan ir-Regolament ma tinħażinx fil-cloud. Peress li l-bijometrika tirrappreżenta karatteristika unika ta' persuna, l-użu tal-bijometrika jirrikjedi miżuri organizzattivi u ta' sigurtà, proporzjonati għar-riskju li dan l-ipproċessar jista' jinvolvi għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li l-utenti jkollhom kontroll tad-data tagħhom fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, jenħtieġ li s-sistema prevista ma tiddependix mill-infrastruttura bbażata fuq il-cloud.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tippermetti b'mod tekniku l-iżvelar selettiv tal-attributi lill-partijiet dipendenti. Din il-karatteristika jenħtieġ li ssir karatteristika bażika tat-tfassil u b'hekk jissaħħu l-konvenjenza u l-protezzjoni tad-data personali inkluż il-minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data personali.	(29) Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tippermetti b'mod tekniku l-iżvelar selettiv tal-attributi lill-partijiet dipendenti. Din il-karatteristika jenħtieġ li ssir karatteristika bażika tat-tfassil u b'hekk jissaħħu l-konvenjenza u l-protezzjoni tad-data personali inkluż il-minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data personali. ***Il-mekkaniżmi għall-validazzjoni tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, id-divulgazzjonijiet selettivi u l-awtentikazzjoni tal-utenti biex jaċċessaw is-servizzi online jenħtieġ li jkunu tali li jippreservaw il-privatezza, u b'hekk jipprevjenu l-intraċċar tal-utent u jirrispettaw id-dritt għall-anonimità u l-psewdonimità.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-funzjonijiet essenzjali tal-Kartiera jridu jiġu implimentati b'mod li jippreserva l-privatezza sabiex jiġi limitat il-potenzjal ta' ntraċċar awtomatizzat tal-utent f'każijiet fejn ikun qed jagħżel li jikkanċella talba li diġà tkun inbdiet għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni mingħand parti dipendenti, jagħżel biss li jiżvela b'mod selettiv attributi individwali dwaru (eż. verifika tal-età f'ħanut tax-xorb) jew juża l-Kartiera biex jilloggja f'servizz mingħajr ma jiġi sussegwentement intraċċat minnhom. L-aħħar karatteristika hija offruta mill-funzjonalità "Sign in with Apple" tal-Apple, li l-kartiera għandha l-għan li tissostitwixxi.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(47) 'arkivjar elettroniku' tfisser servizz li jiżgura l-wasla, il-ħżin, it-tħassir u t-trasmissjoni ta' data jew dokumenti elettroniċi biex jiġu żgurati l-integrità tagħhom, u l-preċiżjoni tal-oriġini u tal-karatteristiċi legali tagħhom matul il-perjodu ta' konservazzjoni;	(47) 'arkivjar elettroniku' tfisser servizz li jiżgura l-wasla, il-ħżin, it-tħassir u t-trasmissjoni ta' data jew dokumenti elettroniċi sabiex tingħata prova tal-awtenticità u l-integrità, matul il-perjodu kollu tal-ħżin;
	Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-effett legali mogħti lil psewdonimi skont il-liġi nazzjonali, l-użu tal-psewdonimi fi tranżazzjonijiet elettroniċi ma għandux jiġi pprojbit.";	Mingħajr preġudizzju għall-effett legali mogħti lil psewdonimi skont il-liġi nazzjonali, l-użu tal-psewdonimi u tal-Identitajiet Awtosovrani fi tranżazzjonijiet elettroniċi ma għandux jiġi pprojbit."; ***l-użu tal-psewdonimi għandu dejjem ikun għażla biex jiġi sostitwit identifikatur uniku jew meta tkun qed issir awtentikazzjoni ma' partijiet dipendenti privati;***
	L-ipproċessar tad-data personali għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku;
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi protetta l-privatezza tal-individwi u ma jiġix ipprevenut l-istandard tal-privatezza għall-utenti tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, l-użu tal-psewdonimi għandu jkun għażla fil-każijiet kollha fejn l-identifikazzjoni sħiħa ma tkunx legalment obbligatorja. Jeżiġu jiddaħħlu r-referenzi għar-relazzjoni bejn l-eIDAS u l-Leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data lura għal-livell ta' protezzjonijiet eżistenti tal-2014. Ir-Regolament eIDAS oriġinali offra standard ogħla ta' protezzjoni tad-data minn dak mogħti mid-

Direttiva 95/46/KE billi obbliga l-faċilitazzjoni tal-privatezza mid-disinn fl-Artikolu 12(3)(c).

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt a – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) biex il-partijiet dipendenti jiġu identifikati b'mod uniku u biex it-talbiet tagħhom għal informazzjoni jkunu limitati abbażi ta' approvazzjoni ta' Stat Membru skont l-Artikolu 6b(1);

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Interfaċċa Komuni għandha tinkludi din is-salvagwardja biex jiġi pprevenut li l-partijiet dipendenti mhux approvati jew mhux identifikati jitolbu informazzjoni li taqbeż il-każ ta' użu tagħhom. Il-Grupp ta' Esperti tal-eIDAS organizzat mill-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxa l-ħtieġa li "jiġu kondiviżi politiki" li jirrestringu liema informazzjoni parti dipendenti tista' titlob mingħand l-utent u jipprevjenu li jsiru talbiet eċċessivi għal informazzjoni (Ara l-Kapitolu 4.6.1 u n-nota 22 f'qiegħ il-paġna tad-Deskrizzjoni finali mis-17 ta' Frar 2022).

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt a – punt 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) biex jiġi żgurat li l-proxies li jaġixxu bħala intermedjarji bejn il-partijiet dipendenti u l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ma jiksbux għarfien dwar il-kontenut tat-tranżazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Interfaċċa Komuni għandha tiżgura li l-proxies li jagixxu bħala intermedjarji bejn il-partijiet dipendenti u l-utenti tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ma jkunx jista' jkollhom aċċess għall-kontenut tat-tranżazzjoni li huma jwasslu. Protezzjonijiet tekniċi bħal dawn huma komuni u ma jillimitawx il-funzjonament tas-sistema. L-eżistenza ta' proxies bħal dawn ġiet rikonoxxuta fil-Grupp ta' Esperti tal-eIDAS (Ara l-Kapitolu 4.8.3 tad-Deskrizzjoni finali mis-17 ta' Frar 2022).

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt a – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) għall-preżentazzjoni lil partijiet dipendenti ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna, attestazzjoni elettronika tal-attributi jew data oħra bħall-kredenzjali, f'modalità lokali li ma tirrikjedix aċċess għall-internet għall-Kartiera;	(3) għall-preżentazzjoni lil partijiet dipendenti ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna bħall-kredenzjali, l-attestazzjoni elettronika tal-attributi jew data oħra, f'modalità lokali li ma tirrikjedix aċċess għall-internet għall-Kartiera u biex l-utent jieħu deċiżjoni infurmata dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni personali ma' partijiet dipendenti. ***Dan jinkludi l-identifikazzjoni tal-parti dipendenti, ir-rifjut sħiħ jew parzjali tat-talbiet għall-informazzjoni mill-partijiet dipendenti, storja sħiħa tat-tranżazzjoni u informazzjoni dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet bħala suġġett tad-data.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-suċċess tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jiddependi mill-fatt li ċ-ċittadini jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-informazzjoni li huma jikkondividu mal-partijiet dipendenti. Gwida simili dwar l-informazzjoni obbligatorja dwar il-fini tal-ipproċessar mill-parti dipendenti, kif ukoll il-possibbiltà li l-utent jirrifjuta t-talbiet għall-informazzjoni ngħatat mill-Grupp ta' Esperti tal-eIDAS li bħalissa qiegħed jiżviluppa s-Sett ta' Għodod (ara l-Kapitolu 4.6.1 tad-Deskrizzjoni finali mis-17 ta' Frar 2022)

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji tal-attestazzjonijiet kwalifikati tal-attributi ma jkunu jistgħu jirċievu l-ebda informazzjoni dwar l-użu ta' dawn l-attributi;	(b) jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji tal-attestazzjonijiet kwalifikati u mhux kwalifikati tal-attributi ma jkunu jistgħu jirċievu l-ebda informazzjoni dwar l-użu ta' dawn l-attributi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda testendi s-salvagwardji biex l-imġiba tal-utent tiġi protetta milli tkun ittraċċata. Eżempji ta' fornituri ta' attestazzjoni mhux kwalifikata tal-attributi huma kumpaniji privati, klabbs ta' sħubija jew universitajiet. B'din il-bidla fit-test, salvagwardja teknika eżistenti tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali hija sempliċement estiża għal aktar partijiet ikkonċernati.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżguraw li d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 12(4) tirrappreżenta b'mod uniku u persistenti lill-persuna fiżika jew ġuridika li tkun assoċjata magħha.	(e) jiżguraw li d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna msemmija fl-Artikolu 12(4), il-punt (d) li tirrappreżenta b'mod uniku u persistenti l-persuna fiżika jew ġuridika tkun kondiviża biss b'mod psewdonimu sabiex tkun differenti għall-partijiet dipendenti differenti sabiex jiġu pprevenuti l-assoċjazzjoni jew l-intraċċar tal-utent fost il-partijiet dipendenti kollha u biex ikun impossibbli li l-emittent tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, is-servizzi ta' partijiet terzi konnessi miegħu jew l-Istat Membru jirċievu kwalunkwe informazzjoni dwar l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħtieġa tal-possibbiltà ta' skollegament u tan-nuqqas ta' traċċabbiltà ġiet rikonoxxuta mill-Grupp ta' Esperti tal-eIDAS (ara l-paġna 26 fil-Kapitolu 5 tad-Deskrizzjoni finali mis-17 ta' Frar 2022). It-tranżazzjonijiet tal-utenti se jiżvelaw ammonti kbar ta' data, inkluża data ta' natura personali ħafna, bħal informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-individwi jew informazzjoni dwar is-sitwazzjoni medika, l-istorja tal-ivvjaġġar, ix-xejriet tal-konsum u l-interazzjonijiet soċjali taċ-ċittadini.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-utent għandu jkollu kontroll sħiħ tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. L-emittent tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ma għandux jiġbor informazzjoni dwar l-użu tal-Kartiera li ma tkunx meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tal-Kartiera, u lanqas ma għandu jikkombina data ta' identifikazzjoni ta' persuna u kwalunkwe data personali oħra maħżuna jew relatata mal-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ma' data personali minn xi servizz ieħor offrut minn dan l-emittent jew minn servizzi ta' partijiet terzi li ma tkunx meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tal-Kartiera, dment li l-utent ma jkunx talab dan b'mod espliċitu. Id-data personali relatata mal-forniment tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandha tinżamm fiżikament u loġikament separata minn kwalunkwe data oħra miżmuma. Jekk il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tiġi pprovduta minn partijiet privati f'konformità mal-paragrafu 1(b) u (c), id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 45f għandhom japplikaw mutatis mutandis.	7. L-utent għandu jkollu kontroll sħiħ tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali u tad-data tiegħu. L-arkitettura teknika għandha tagħmilha impossibbli li l-emittent tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jew is-servizzi ta' partijiet terzi konnessi magħhom jew l-Istat Membru jiġbru jew jiksbu informazzjoni dwar l-użu tal-kartiera mill-utent. L-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ma għandux iwassal biex partijiet dipendenti oħra jew fornituri oħra ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi jkunu jistgħu jsegwu, jikkollegaw, jikkorrelataw jew b'xi mod ieħor jiksbu għarfien dwar it-tranżazzjonijiet jew l-imġiba tal-utenti. Id-data personali relatata mal-forniment tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandha tinżamm fiżikament u loġikament separata minn kwalunkwe data oħra miżmuma. Jekk il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tiġi pprovduta minn partijiet privati f'konformità mal-paragrafu 1(b) u (c), id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 45f għandhom japplikaw mutatis mutandis. ***L-emittent tal-***

Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali huwa l-kontrollur skont ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar l-ipproċessar ta' data personali fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sistema ta' identità elettronika li jistħoqqilha l-fiduċja taċ-ċittadini tista' tkun biss arkitettura li tipproteġi minn sorveljanza ċentralizzata data bħas-sitwazzjoni medika, l-istorja tal-ivvjaġġar, ix-xejriet tal-konsum u l-interazzjonijiet soċjali taċ-ċittadini, li tirrigwarda firxa wiesgħa ta' mġiba online u offline tal-utenti. L-emittent huwa l-kontrollur peress li jiddetermina l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali billi jiddetermina s-sistema konkreta, jiġifieri l-mezzi tal-ipproċessar, irrispettivament minn jekk dik is-sistema tiġix eżegwita jew le fuq apparat taħt il-kontroll tiegħu (ara C-40/17 u C-25/17).

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 11a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 11 a	
Identifikazzjoni Unika	
1. Meta jintużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati u l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-awtentikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw identifikazzjoni unika.	
2. L-Istati Membri għandhom, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jinkludu fis-sett minimu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna msemmi fl-Artikolu 12.4.(d), identifikatur uniku u persistenti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jidentifika l-utent fuq talba tagħhom f'dawk il-każijiet fejn l-identifikazzjoni tal-utent tkun meħtieġa bil-liġi.	

3. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tispeċifika aktar il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 6a(10)."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Identifikatur uniku persistenti għall-persuni fiżiċi f'xi Stati Membri jkun illegali jew saħansitra mhux kostituzzjonali. (Fil-Ġermanja, l-użu ta' identifikaturi uniċi persistenti huwa pprojbit skont id-Deċiżjoni dwar l-Att dwar iċ-Ċensiment tal-1983). Ir-riskju ta' identifikatur uniku tul il-ħajja kollha ma jistax jitqies bħala l-inqas metodu intrużiv għall-fini tal-identifikazzjoni unika ta' individwu. L-Artikolu 11a ukoll mhuwiex meħtieġ peress li l-qafas tal-interoperabbiltà eżistenti tal-iskemi ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 12(4)(d) oriġinali diġà jinvolvi rappreżentanza unika ta' individwu għall-każijiet transfruntiera.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) referenza għal sett minimu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna meħtieġa biex tirrappreżenta b'mod uniku u persistenti persuna fiżika jew legali;";	(d) referenza għal sett minimu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna li tirrappreżenta b'mod uniku persuna fiżika jew legali, li hija disponibbli minn skemi ta' identifikazzjoni elettronika;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tkun tirrikjedi identifikazzjoni unika u persistenti indipendenti minn xi skema partikolari ta' identifikazzjoni elettronika. Fil-fatt, din il-bidla li tidher teknika tal-qafas tal-interoperabbiltà jkollha l-istess effett bħall-Artikolu 11a.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Fejn ikun jidher li kien hemm ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar ir-riżultati tal-awditi tiegħu.";	"Fejn ikun jidher li kien hemm ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u lill-Kontrollur tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali dwar ir-riżultati tal-awditi tiegħu.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikoli 33 u 34 tal-GDPR il-kontrollur għandu ċerti dmirijiet f'każ ta' ksur tad-data. Biex iwettaq dawn id-dmirijiet, huwa għandu jiġi infurmat dwar ksur potenzjali tad-data fis-sistema tiegħu.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Parti kkonċernata li tuża servizzi fiduċjarji kwalifikati, bħal ċertifikati kwalifikati jew attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi, f'impriża, tista' tressaq ilment lill-awtorità superviżorja dwar is-sigurtà jew l-affidabbiltà tas-servizz fiduċjarju kwalifikat.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25 – punt c – punt 2
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt fba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fba) jiżgura l-ipproċessar legali tad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;

Or. en

ANNESS: LISTA TAL-ENTITAJIET JEW IL-PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur. Ir-Rapporteur irċieva kontribut mingħand dawn l-entitajiet jew persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entita u/jew persuna

1. European Commission DG CNECT

2. The European Data Protection Supervisor
3. Brussels Privacy Hub, *THE EUROPEAN COMMISSION PROPOSAL AMENDING THE eIDAS REGULATION (EU) No 910/2014: A PERSONAL DATA PROTECTION PERSPECTIVE*
4. Professor Ricardo Genghini, Chairman of the European Standardization Committee E-Signature and Infrastructures (ESI) within the European Telecommunications Standards Institute (ETSI) - *Notes on the current draft of eIDAS Revision Proposal*
5. epicenter.works & European Digital Rights (EDRI)
6. Luukas Ilves, Deputy Secretary General of the Estonian Ministry of Economic Affairs and Communications for Digital Development
7. European Consumer Organisation (BEUC) - *Making European Digital Identity as Safe as It Is needed - BEUC Position Paper*
8. Jaap-Henk Hoepman, Associate Professor of privacy enhancing protocols and privacy by design in the Digital Security group at the Institute for Computing and Information Sciences of the Radboud University Nijmegen, *Civil liberties aspects of the commission proposal to amend the eIDAS regulation*
9. Eric Verheul, professor in the Digital Security Group of the Radboud University Nijmegen - *Issues and recommendations on the eIDAS wallet as proposed in the eIDAS update*
10. Manuel Atug expert in IT Security and engineering Chaos Computer Club & Christian Kahlo eID expert - *written input*
11. Lukasz Olejnik, PhD, https://lukaszolejnik.com, *written contribution*
12. Carmela Troncoso - Professor on Security and Privacy at Swiss Federal Institute of Technology Lausanne - *written input*
13. Dr. F. S. Gürses, Associat Professor at the Faculty of Technology, Policy and Management, TU Delft - *written input*
14. Eurosmart - The Voice Of The Digital Security Industry - Feedback on the revision of eIDAS
15. Mozzila
16. Google
17. Apple
18. The International Association for Trusted Blockchain Applications (INATBA) - Establishing a Framework for a European Digital Identity (eIDAS) - Policy Position
19. TWG Trusted Information of the EU Observatory for ICT Standardisation - report on “Trust in the European digital space in the age of automated bots and fakes”
20. Rule of Law Defense Coalition, Bucharest Romania
21. American Chamber of Commerce to the European Union, Brussels - *written input*